

L-IMI TISTA' TGĦINEK TITRATTA SEJĦIET GĦAL OFFERTI EWROPEJ



Inti lest għal akkwist pubbliku Ewropew?

Ir-regoli l-ġodda jistgħu joħolqu sfiċi ġodda. Għandek kemm għandek esperjenza, l-ivverifikar tal-konformità

ta' kumpaniji barranin b'rekwiżiti mhux dejjem ikun bla problemi.



Għand min tirrekorri jekk ikollok bżonn tiċċekkja li kumpanija barranija hija fil-fatt dak li qed tiddikjara li hi fl-offerta?



Bħala municipalitá, kif tista' tkun ċert li manifattur barrani tal-karozzi tal-linja li forsi se tixtri mingħandu japplika l-aktar standards ambjentali reċenti?



Bħala Ministeru tas-Saħħa, kif se tiċċekkja l-pożizzjoni finanzjarja ta' kumpanija barranija li qed tapplika biex tibni sptar?

Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tgħinek issib ir-risposti għal mistoqsijiet meta tivvaluta offerta minn pajjiż Ewropew ieħor

X'inhil-IMI?

Hija għodda ta' kooperazzjoni onlajn. Hija użata minn awtoritajiet madwar l-Ewropa biex jitolbu informazzjoni mingħand kontropartijiet f'pajjiżi oħrajn. Issa għet estiża sabiex tinkludi mistoqsijiet fil-kuntest tal-akkwist pubbliku Ewropew.

Meta tista' tuża l-IMI?

Jekk, bħala parti minn offerta, tirċievi dokumenti jew informazzjoni li jagħtu lok għal dubji, tista' tuża l-IMI biex:

- tivverifika li operatur ekonomiku huwa adattat biex iwettaq ix-xogħlijiet jew jipprovdi s-servizzi speċifikati f'kuntratt partikolari (billi jġu ċċekkja l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa, l-istandards nazzjonali eċċ.)
- tivverifika li kuntrattur, fornitur jew fornitur ta' servizz fil-fatt ma jaqax taħt xiraġuni ta' esklużjoni (pereżempju ma nstabx ħati b'sentenza definittiva għal frodi)
- tikkonferma informazzjoni li tinsab f' 'awtodikjarazzjoni' sottomessa minn offerent.

Interessat/a?

Għal aktar taġħrif ikkuntattja l-[koordinatur IMI nazzjonali tiegħek](#) jew żur is-[sit web tal-IMI](#).